**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Marzu 2002

Citazzjoni numru 418/01 AJM

Kawza numru

Mary Galea

vs

Dr. Anthony Cutajar u P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati nominati b'digriet tal-24 ta' Mejju 2001 sabiex jirrapresentaw lill-assenti Richard Cumbo u Madelene Cumbo ghal kull interess li jsita' jkollha.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-15 ta' Marzu 2001 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet li hija ppresetat u rrendiet servigi lid-defunta Maria Stella sive Stella Camilleri, armla minn Richard Camilleri gia armla minn Michael Cassar, bint il-mejtin Emanuel Cassar u Carmela Sciberras li kienet mitwielda u residenti f'Tas-Sliema u li mietet nhar it-13 ta' Gunju 2000; illi tali sevigi gew rezi mill-attrici bl-isperanza u

bl-aspettativa li hija tigi kumpensata ghall-istess servigi; illi l-konvenut Richard Cumbo huwa l-werriet tal-imsemmija Maria Stella sive Stella Camilleri in forza ta' l-artikolu numru 4 tal-ahhar testment maghmul mill-istess Stella Camilleri fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin tal-25 ta' Ottubru 1999; illi ghalkemm il-konvenut kien mitlub li jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tas-servigi hawn fuq riferiti, kemm verbalment kif ukoll permezz t'ittra ufficjali tal-4 ta' Settembru 2000 baqa' inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-attrici hija intitolata li tircevi kumpens minghand il-konvenut ghas-servigi li hija rrendiet lil Maria Stella sive Stella Camilleri;
2. tillikwida dan il-kumpens okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenut jhallas s-somma hekk likwidata bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali hawn fuq riferita sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-prezenti, dawk tal-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Settembru 2000, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, u l-lista tax-xiehda ta' l-attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fil-25 ta' Gunju 2001 li permezz taghha eccepew:-

1 Illi l-konvenuta Madelene Cumbo ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li m'hijiex l-eredi tal-mejta Maria Stella Camilleri.

2 L-intempestivita' tat-talba attrici stante li l-attrici qedha tikkontesta l-validita' tat-testment li sar minn Maria Stella Camilleri imsemmi.

3 Il-preskrizzjoni tat-talba attrici a tenur ta' l-art. 2156(f) tal-Kap 16.

4 L-infondatezza tat-talba sija fil-fatt kif ukoll fid-dritt u l-ebda hlas ma hu dovut.

5 Li t-talba ghal hlas tal-imghax mid-data tal-ittra ufficjali hija nfondata stante li qatt ma jista' jithallas imghax fuq ammont li m'huwiex likwidu.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-4 ta' Lulju 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-21 ta' Novembru 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet u dana minghajr ma l-partijiet ghamlu xi sottomissjoni ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti fir-rigward.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-interess guridiku tal-konvenuta Madelene Cumbo jigi rilevat li in forza tar-raba artikolu tat-testment taghha tal-25 ta' Ottubru 1999 fl-atti tan-Nutar John Gambin, il-mejta Maria Setta

Camilleri istitwit lill-konvenut Richard Cumbo (il-konvenut) bhala uniku eredi universali taghha bid-dritt tas-sostituzzjoni ta' uliedu.

Huwa minnu li kumpens ghas-servigi rezi lid-decujus huwa dejn tal-wirt u ghalhekk jispetta lill-werriet li jhallsu kif jipprovdu l-artikoli 939 et sequitur tal-Kodici Civili. Izda fil-kaz in ezami l-konvenuta Madelene Cumbo giet imharka ghall-interess li jista' jkollha u mhux inkwantu hija eredi tal-istess Maria Stella Camilleri. L-assi appartanenti l-eredita' jispettaw lill-eredi b'eskluzzjoni ta' kull persuna ohra u ghalhekk Madelene Cumbo qatt ma tista' tivvanta xi dritt fuq dawn l-assi u daqstant qatt ma tista' tigi mgieghla thallas xi dejn ta' dik l-eredita'. Izda mal-ftuh tas-successjoni il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga derivanti minn assi formanti parti minn eredita' favur ir-ragel jew il-mara, jidhlu fil-komunjoni tal-akkwisti (Art. 1320(b) Kap 16) jsegwi li l-konvenuta Madelene Cumbo tippartecipa f'dawn il-frottijiet u bhala tali ghandha interess li tara li "*l-assi*" li jghati lok ghal dawk il-frottijiet ma jigix dilwit. F'dan is-sens din il-Qorti tara li l-konvenut Madelene Cumbo ghandha locus standi fil-gudizzju. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni mhux gustifikata.

Illi fit-tieni eccezzjoni qed jinghad li t-talba attrici hija ntempestiva nkwantu l-attrici qed tikkontesta l-validita' tat-testment tal-mejta Stella Camilleri. Dan qed jinghad billi fl-4 ta' Settembru 2000 l-attrici u William Galea f'ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut Richard Cumbo, filwaqt li ghamlu referenza ghall-ahhar testment ta' Maria Stella Camilleri, allegaw li dan kien vizjat minhabba diversi ragunijiet skond il-ligi u ghalhekk interpellawh jersaq sabiex il-wirt ta' Maria Stella Camilleri jigi debitament regolarizzat u fin-nuqqas jipprocedu gudizjalment ghall-impunjazzjoni ta' l-istess testment. Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar

2002 gie verbalizzat mill-attrici li minkejja l-imsemmija ittra ufficjali sa dakinhar ma kienet giet pprezentata ebda citazzjoni sabiex jigi annullat it-testment.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-imsemmija ittra ufficjali ma ghandha ebda effett inkwantu r-referenza ghat-testment tal-mejta hija zbaljata billi filwaqt li l-ittra uffucjali taghmel referenza ghall-testment tad-29 ta' Ottubru 1999 tal-mejta Maria Stella Camilleri, mir-ricerki testamentarji kif ukoll mill-kopja tat-testment li giet ezebita, l-mejta Maria Stella Camilleri ma ghamlitx testment fid-29 ta' Ottubru izda fil-25 ta' Ottubru 1999. Fit-tieni lok kull att ghandu jigi kunsidrat validu u effettiv salv dikjarazzjoni kuntrarja ta' dawn il-Qrati. Sal lum l-eredita' ta' Maria Stella Camilleri hija regolata bit-testment tal-25 ta' Ottubru 1999 fejn il-konvenut Richard Cumbo jirrizulta eredi universali. Il-proceduri ghalhekk gew indirizzati lill-persuna idonea u ma taghmel ebda differenza jekk fi stadju ulterjuri dak it-testment jigi dikjarat null billi d-debitu huwa tal-eredita' tal-mejta Stella Camilleri u Richard Cumbo jkun tenut jaghmel tajjeb ghal kull dejn hekk dikjarat dovut lill-attrici nkwantu eredi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, bl-ispejjes kontra taghhom.

Onor. Imhallef Albert J. Magri